# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 18 ta' Mejju 2016

**Kawża Nru: 9**

**Rikors Ġuramentat Nru: 921 / 11 JA**

**Raymond u Maryrose konjuġi Briffa**

**-vs-**

**Marvic u Saviour konjuġi Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat mill-atturi konjuġi Briffa fit-23 ta' Settembru 2011 fejn ġie premess:

Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond urban bl-isem ta' "Rosebanks" Triq iċ-Ċinju Mosta u dana in forza ta' kuntratt ta' akkwist datat ħmistax ta' Lulju elf disa' mija erbgħa u disgħin (15 ta' Lulju 1994) fl-atti tan-Nutar Anthony Abela.

Illi l-intimati huma l-proprjetarji tal-fond bl-isem Heaven's Lodge, Triq iċ-Ċinju, Mosta u dana in forza ta' kuntratt t'akkwist datat sbatax ta' Mejju elfejn u sebgħa 2007 fl-atti tan-Nutar Dr Anne Fenech Adami.

Illi l-intimati qabdu u tellgħu ħajt fuq art sitwata quddiem il-garaxxijiet rispettivi tal-partijiet, liema kostruzzjoni saret mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti.

Illi l-aġir tal-intimati jikkostitwixxi spoll vjolenti, riċenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti.

Illi għalkemm ġew interpellati sabiex iħottu l-istess ħajt minnhom mibni, l-intimati baqgħu inadempjenti.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara l-intimati kkommettew spoll vjolenti riċenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti meta qabdu u tellgħu l-ħajt mingħajr il-kunsens tal-istess rikorrenti;

2. Tordna lill-istess intimati sabiex iwaqqgħu l-ħajt minnhom mibni fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti taħt is-superviżjoni ta' perit nominandi;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti jagħmlu dawk ix-xogħlijiet neċessarji fin-nuqqas tal-istess intimati a spejjeż tal-istess intimati.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti konjuġi Spiteri pprezentata fis-27 ta' Ottubru 2011 fejn ġie eċċepit:

1. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess atturi rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* illi huma neqsin diversi elementi li huma meħtieġa *ad validatem* sabiex din l-azzjoni, kif postulata, tirnexxi, u dan kif ser jiġi dettaljat u kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Illi l-ħajt mertu tal-azzjoni odjerna jikkonsisti f'ċint ta' madwar ħames filati għoli u madwar ħames piedi tul, li jifred u jiddividi ż-żewġ rampi qosra li jagħtu mit-triq għall-*garages* proprjeta' tal-partijiet kontendenti u li jinsabu biswit xulxin, parti mil-liema ħajt kien ġja' eżistenti meta l-esponenti kienu akkwistaw il-proprjetá tagħhom f'Mejju 2007. Għalhekk, il-ħajt sempliċement ġie estiż mill-esponenti sabiex iwassal sat-triq. Illi bil-kostruzzjoni ta' dan il-ħajt l-istess atturi rikorrenti ma ġew bl-ebda mod mhedda jew ostakolati fl-użu u tgawdija sħiħa li huma kellhom tar-rampa li permezz tagħha jaċċedu għall-*garage* proprjeta' tagħhom jew tal-istess *garage*.

3. Illi għalhekk jeħtieġ illi r-rikorrenti jippruvaw għas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti illi huma kellhom il-pussess u użu tal-porzjon art li fuqha ġie estiż il-ħajt mertu ta' din il-kawża, u li ġew imċaħħda minn tali pussess.

4. Illi *inoltre* l-esponenti jeċċepixxu illi l-azzjoni hija karenti mill-elementi essenzjali meħtieġa sabiex din l-azzjoni tirnexxi, *stante* illi l-atturi rikorrenti kienu konsapevoli tal-fatt illi l-esponenti kienu applikaw għall-permess neċessarju sabiex isir tali żvilupp, u li għalhekk

il-kostruzzjoni ta' dan il-ħajt ma jistax jiġi meqjus bħala azzjoni vjolenti u klandestina.

5. Illi din il-kawża hija azzjoni oħra ntiża sempliċement sabiex tivvessa lill-esponenti, *stante* illi r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti sal-lum kienet ikkaratterizzata minn rapport li jsiru mir-rikorrenti kontinwament kontra l-esponenti fuq kull ħaġa ta' xejn sabiex idejqu lill-esponenti, kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Illi jiġi sottomess illi l-esponenti eżerċitaw biss il-jeddijiet spettanti lilhom skond il-liġi, kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti tal-kawża, żammet aċċess fuq il-post in kwistjoni u semgħet il-provi;

Rat l-iskrittura bejn il-partijiet esebita a fol 117 tal-proċess li permezz tagħha l-kawża ġiet tranżatta u t-talba tal-partijiet biex din l-iskrittura tikkostitwixxi ġudikat bejniethom;

Ikkunsidrat:

Illi kif issemma l-kawża ġiet tranżatta permezz tal-iskrittura msemmija u l-partijiet talbu li dik l-istess skrittura tkun tifforma l-ġudizzju bejniethom;

**Illi għalhekk il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-partijiet u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddikjara l-iskrittura esebita a fol 117 tal-proċess tifforma l-ġudikat bejn il-partijiet;**

**L-ispejjeż tal-kawża, skond l-istess skrittura jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti**.

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**